# L-ONOR. IMĦALLEF Wm. D. HARDING DWAR DR. NINU CREMONA

Jien għandi ħafna tifkiriet ħelwin u nostalġiċi ta' Ninu Cremona. Sirt nafu permezz tas-Sur Awgusto German, illum mejjet. F'dak iż-żmien (1936-37) kont imħabbat bix-xogħol tar-Reviżjoni tal-Liġijiet u s-Sur German b'dak tat-traduzzjoni għall-Malti. Kultant, u l-aktar fl-irqaqat tal-liġijiet tekniċi, is-Sur German iltaqa' ma' kliem li l-qlib tagħhom mit-taljan kien xi ftit diffiċli. Billi ż-żewġ traduzzjonijiet bl-Ingliż u bil-Malti kienu jiġu sottomessi għar-reviżjoni u l-approvvazzjoni tiegħi, niftakar li fil-każ ta' xi kliem li jħabbtuk fil-Malti, is-Sur German qalli li kien iddiskutiehom mas-Sur Cremona. Jien għalhekk rajt li kelli nirringrazzja lis-Sur Cremona għall-għajnuna tiegħu u mill-ewwel intbaht li mill-mod kif ħall dawn il-problemi kien kollu bis-saħħa tal-isfond edukativ ta' studju li kellu. Laqatni wkoll ma' l-ewwel, għax xejn ma jippretendiha u kien edukat ħafna u għalhekk bdejt napprezzah iżjed.

Wara bdejt niltaqa' miegħu sejjer jew ġej mill-Istamperija tal-Gvern jew l-Università jew mil-Librerija Pubblika, il-bwiet dejjem mimlijin b'xi gazzetti jew karti. Jien kont ngħidlu: **"Inti dejjem tistudja, Sur Ninn"** u hu kien iwiġibni **"X'tagħmel? kieku ma ngħixx"** u f'waħda minn dawn l-okkażjonijiet deffes idu fil-but u qrali b'dik l-hena ta' studjuż xi sejba li seħħlu jagħmel dwar xi xogħol li fuqu kien qiegħed jaħdem.

Kellu t-tjieba jibgħatli minn żmien għal ieħor kopji tax-xogħlijiet li kien jippubblika u kont nieħu pjaċir nibgħatlu l-kommenti tiegħi, li meta konna niltaqgħu wara bil-ġentilezza kollha kien igħidli li għoġbuh.

Niftakar li tkellimt miegħu fit-tul meta rajtu fi triq l-Arċisqof dwar il-kopja tal-pubblikazzjoni li kien bagħatli dwar in-nomeklatura tal-inġenji tal-baħar. Jiena fissirtlu l-ammirazzjoni tiegħi għar-reqqa li biha seħħlu jsib il-kelma għal kull parti. Tarrafli li kien ilu jiġbor il-materjal żmien twil u barra li fela kotba u dokumenti kellem ukoll ħafna baħħara f'ħafna nħawi ta' Malta biex jikseb tagħrif kemm jista' jkun. Ma' dan hu żied l-isfond tajjeb li hu kellu ta' ilsna oħra.

Il-mewt ħatfet studjuż minn fostna. Imma fuq kollox tlifna wkoll Nisrani tajjeb, ġwejjed u devot, li ta ħajtu kollha għall-istudju waqt li ħabb lil kulħadd mingħajr ma weġġa' lil ħadd.

O Si Sic Omnes!



# QABEL L-IRQAD

## Ta' ĠUŻI ABELA

*Lil Ninu Cremona*

Waqfu mix-xogħol il-bdiewa
u mit-titjir l-agħsafar,
u nġabret ġewwa darha
in-nies ta' dan ir-raħal.
Għajjiena u tqila
strieħet ix-xemx
x'imkien 'il bogħod, weħidha.

Il-bidwi xwejjaħ
mill-ogħla tieqa ta' fuq l-għorfa
ħarsa mtaqqla bil-ħsieb
xeħet, u ftakar
kif qajl intemmet dik is-sieħba għaqlija,
u qajl qed joqrob tmiemu.

U x-xwejjaħ
l-imgħoddi ma tħassarx,
u ma bekiex
iż-żmien li kien jew seta' kien
għax minn żgħożitu għaraf
ta' kull ħajja t-tmiem.
Ħajtu kien għexha u ma xtaqhiex aħjar.

Jgħidu li hemm ħajja oħra
wara mewt il-bniedem,
ħaseb ix-xwejjaħ:
mitt darba raha r-rebbiegħa
w eluf ta' drabi x-xemx.

U dik ix-xewqa siekta
li f'qiegħ qalbna tnemnem
xegħlet f'għajnejn ix-xiħ.
U ħares ċass, mingħajr ma ra madwaru,
lejn dehriet oħra u lejn xefaq ieħor,
u bejn ħosbien u ċert, ferħan u mnikket,
daħal fil-friex ta' nagħsu u ta' ħolmietu
u bħal tarbija
raqad.